MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 111/2005/1

**Burmarrad Commercials Ltd (C 13537)**

**vs**

**Desmond Mizzi (ID 465463M) u Mizzi Finance Ltd. (C 22782)**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Lulju, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-2 ta' Marzu, 2005, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom li jhallsu s-somma ta' tlett elef, u tlettax-il lira Maltin (Lm3,013) ghall-kiri ta' vettura minghand is-socjeta' attrici skond kopja tal-kuntratt tal-kiri anness u

mmarkat bhala Dok. ‘A’ u skond erba’ fatturi li flimkien huma annessi u mmarkati bhala Dok. ‘B’.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-23 ta’ Settembru, 2003 u bl-imgahx u l-interessi legali kkalkolati mill-imsemmija fatturi, kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Desmond Mizzi u s-socjeta’ Mizzi Finance Ltd fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament, is-socjeta’ Mizzi Finance Ltd m’hiex il-legittima kontraditrici stante illi ma jeztisti l-ebda ftehim ta’ kirja ta’ vettura bejn l-istess socjeta’ u s-socjeta’ attrici, kif jidher mid-dokument anness ma’ l-Avviz tas-socjeta’ attrici u mmarkat bhala Dok. ‘A 2’, u ghaldaqstant is-socjeta’ Mizzi Finance Ltd ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma jezisti l-ebda ftehim bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut Desmond Mizzi stante illi l-ftehim ezebit mis-socjeta’ attrici bhala ‘A2” u illi jindika lil Desmond Mizzi bhala ‘lesee’ la gie ffirmat minnu u lanqas minn persuna awtorizzata mill-istess;
3. Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda ammont m’huwa dovut, u dan kif jista jigi pruvat fil-mori tal-kawza;
4. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Desmond Mizzi u s-socjeta’ Mizzi Finance Ltd li biha eccepew:

Illi permezz taghha qeghdin jecepixxu l-preskrizzjoni tat-talbiet attrici limitatament inkwantu t-talba attrici tolqot l-ammont allegatament dovut ghall-kiri ta’ vettura mit-2 ta’ Gunju 2003 sa’ l-1 ta’ Ottubru, 2003 ai termini ta’ l-Artikolu 2148(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni l-ohra kollha gia migjuba kemm fejn jolqtu dan il-perijodu u kemm ghall-kumplament tat-talbiet attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tiddisponi mill-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, trid tindaga dwar ir-*rental agreement* li kopja tieghu qieghed a fol. 3 u fol. 22 tal-process. Jekk dan jorbot lill-konvenuti, specjalment lill-konvenut Desmond Mizzi, allura t-terminu ta' preskrizzjoni jinbidel peress illi hawn ftehim bil-miktub fejn allura t-terminu jizdied ghal dak ta' hames snin.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut kienet ser issir operazzjoni kummercjali, fis-sens li l-konvenut kien ser jixtri vettura minghand is-socjeta' attrici, fl-istess hin jibghat vettura ghat-tiswija u jiehu vettura ohra sakemm l-operazzjoni tat-tiswija u xiri jkunu konkjuzi.

Il-kontroversja bejn il-partijiet qeda fis-sens, illi filwaqt illi s-socjeta' attrici qeda tghid illi l-vettura kienet mikrija lill-konvenut, dan ta' l-ahhar jghid li l-vettura giet moghtija lilu b'self sakemm tissewwa l-vettura u jarmaw il-vettura li kienu xtraw minghand is-socjeta' attrici.

Il-ftehim tax-xiri jinsab esebit a fol. 31, u fih l-istess data tar-*rental agreement*, u cioe' t-2 ta' Gunju, 2003 illi hija wkoll id-data tal-konsenja tal-vettura. Il-bejgh ma sarx, izda l-konvenut jew il-kumpanija minnu rapprezentata, zammet il-vettura li ttiehdet minghand is-socjeta' attrici u rritornata fl-10 ta' Ottubru, 2003.

F'dan l-istadju jkun opportun illi l-Qorti tindaga l-konsegwenzi tar-*rental agreement* u l-firem hemm indikati. Skond dan il-ftehim, is-socjeta' attrici qeda tikri lill-konvenut il-vettura tal-marka Ford Cargo bin-numru tar-registrazzjoni IAV 247 bir-rata ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) kuljum. Dan il-ftehim gie redatt minn Maria Gauci, li hija direttrici tas-socjeta' attrici illi ffirmat ghan-nom ta' l-

istess socjeta’ u taht il-firma taghha hemm il-firma tar-ricevitur tal-vettura li kien intbaghat mill-istess Sur Mizzi.

Maria Gauci tghid, “… Jiena certa li dan kien persuna illi jahdem ma’ Mizzi Group.” Qalet illi gie mas-Sur Mizzi u wara li tkellmu dwar il-kondizzjonijiet tal-ftehim, is-Sur Mizzi hareg u “halla lid-driver jiehu konsenja tal-vettura.”

Id-direttur l-iehor, Noel Gauci, li kien prezenti waqt id-diskussjonijiet illi kellu mall-konvenut Desmond Mizzi, jghid illi fejn hemm il-post tal-*lesee*, iffirma persuna illi baghat is-Sur Mizzi biex jiehu konsenja tal-vettura. Ikompli jghid, “Din il-persuna naf illi kienet mas-Sur Mizzi u ghalhekk jiena rrilaxxjajt il-vettura lilu …”

Mario Gauci, direttur iehor tas-socjeta’ attrici jghid a fol. 36 illi kien is-Sur Mizzi stess illi qallu, “li ser ihallih [driver] biex jigbor il-vettura.”

Jidher illi bejn il-partijiet kien hemm element qawwi ta’ fiducja, tant illi l-istess Mario Gauci mitlub jispjega il-ghaliex il-ftehim ma giex redatt mis-Sur Mizzi personalment, jghid, “… lanqas nahsibha f’dawn ic-cirkostanzi. Lil Desmond Mizzi nafu personalment. Naf ukoll il-kumpanija illi jirraprezenta. Ghandi nifhem illi kelli noqghod fuq il-kelma tieghu, bhalma noqghod fuq il-kelma ta’ nies ohra ta’ dak il-kalibru illi jkolli x’naqsam maghhom. Kien ghalhekk ili jiena accettajt illi s-Sur Mizzi seta’ jitlaq u jaghmel arrangamenti max-xufier illi halla warajh.”

Ghal dawn l-arrangamenti l-Qorti tirrikorri ghax-xhieda tas-Sur Mizzi stess, fejn a fol. 52 jghid, “Meta konna qeghdin niddiskutu x-xiri tat-Toyota u wasalna fi ftehim, jiena mort lura l-ufficcju u tajt istruzzjonijiet lil Joseph Vella li kien jahdem maghna bhala delivery man illi jiehu l-Mercedes ghand Burrmarrad Commercials, ibattlu mill-affarijiet illi kellna taghna u jitfagghom fil-vettura illi kellhom jaghtuh l-istess Burmarrad Commercials.” Ikompli jghid, “Dan il-bniedem qatt ma kellu kariga ghola aktar minn delivery man u zgur qatt ma kien awtorizzat jorbot lill-kumpanija jew jiffirma xi dokument ghan-nom tal-kumpanija.”

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' din ix-xhieda, l-Qorti jidhrilha li Desmond Mizzi abbuza mill-fiducja illi wrew id-diretturi tas-socjeta' attrici. Hu probabbli li n-negozju kien kif spjegaw dawn id-diretturi u cioe' li kellu jkun hemm kiri ta' vettura sakemm dik tas-socjeta' konvenuta tkun qed tissewwa. Meta s-Sur Mizzi ta struzzjonijiet lid-*delivery man* sabiex jiehu konsenja tal-vettura, f'dak l-istadju, d-*delivery man* ikun sar agent tieghu fejn allura assuma r-responsabbilta ta' tali konsenja. Kienx awtorizzat jew le jiffirma l-ftehim a fol. 2 tal-process, hija kwistjoni nterna bejnu u bejn is-socjeta' illi kienet timpjegah, imma ma kellhiex taffettwa d-drittijiet tas-socjeta' attrici. Jekk il-konvenut Desmond Mizzi kellu xi dubju dwar dik l-iskrittura allura messu ha xi azzjoni dwarha u mhux ihalliha hemmhekk u jassumi xi haga illi dik l-iskrittura ma tghidx.

Il-*modus operandi* tas-socjeta' Millenia u/jew il-konvenut mhijiex l-istess bhal dik tas-socjeta' attrici. Jekk is-socejta' Millenia tista' ssellef xi merkanzija lill-klijenti taghha sakemm huma jkunu qeghdin jistennew xi merkanzija illi jkunu xtraw minghad dik is-socjeta', ma jfissirx illi dan il-beneficcju jaghmluh ukoll is-socjeta' attrici.

Irrizulta car, illi s-socjeta' ma ssellifx vetturi u qeda fin-negozju ta' bejgh u kiri ta' vetturi. Is-self ma jiffigura xejn fin-negozju taghhom. Jekk Joseph Vella, d-*delivery man* kien qed jeccedi l-mandat tieghu, dan ma kienx a konoxxenza tad-diretturi tas-socjeta' attrici, li kellhom kull ragun jahsbu illi tali konsenja kienet qeda ssir ai termini ta' ftehim illi huma kellhom mall-konvenut u kien dan ta' l-ahhar stess illi ndikalhom lil Joseph Vella bhala l-persuna illi kellha tiehu l-konsenja tal-vettura fit-termini tal-ftehim illi kienu ghamlu.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi taht dawn ic-cirkostanzi, Joseph Vella kien awtorizzat illi jorbot lill-kumpanija fit-termini tal-ftehim fuq imsemmi, liema ftehim kien wiehed ta' kiri u vinkolanti bejn il-partijiet, u cioe Desmond Mizzi u s-socjeta' attrici. Huwa nutli li l-konvenut jghid illi l-vettura kienet ghall-uzu tas-socjeta' Millenia Limited. Dana seta'

kien, imma l-ftehim jghid car u tond illi qed isir ma' Desmond Mizzi u hadd aktar, ghad illi l-uzu tal-vettura kien ser isir mill-Millenia Limited.

Ladarba sar ftehim bil-miktub bejn il-partijiet dan ibiddel ghal kollox it-terminu preskrittiv applikabbli f'dan il-kaz. Il-konvenuti eccepew l-artikolu 2148(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' dak ta'sena u nofs. Pero' f'kawza citata minnhom stess waqt it-trattazzjoni u cioe' Maggur Hanibal Scicluna vs Harry Zammit deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu 1957 tghid fost affarijiet ohra, " … Jekk il-kreditu jkun accettat mid-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bil-preskrizzjoni hlief bl-gheluq ta' hames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew dikjarazzjoni." F'dan il-kaz, zgur li l-hames snin ma ghaddewx, la minn dakinhar illi saret il-kirja fit-2 ta' Gunju 2003 u wisq anqas mid-data ta' l-ahhar fattura ta' l-10 ta' Ottubru 2003.

Ghalhekk, il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-konvenuti jistghu b'success jeccepixxu xi preskrizzjoni fil-konfront ta' l-azzjoni attrici u konsegwentement il-Qorti tichad din l-eccezzjoni.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, diga nghad illi l-Qorti jidhrilha illi bejn il-partijiet hemm relazzjoni guridika permezz ta' l-iskrittura esebita a fol. 3. Din l-iskrittura tghid car u tond illi kienet qeda ssir kirja ta' vettura lill-konvenut Desmond Mizzi, li ghandu jwiegeb personalment la kien hu stess li ta struzzjonijiet lil Joseph Vella illi jmur jiehu konsenja tal-vettura hemm indikata u naqas serjament, meta wara li gie a konjizzjoni ta' l-iskrittura [ara xhieda Joseph Tabone a fol. 44] ma ha l-ebda passi biex jissana s-sitwazzjoni jekk verament dehrlu illi dik il-kirja tal-vettura ma saritx u minflok zamm il-vettura bhalli kieku dan seta' jaghmlu liberament minghajr ma jaghti kaz tat-termini hemm imsemmija.

Il-fatt li zamm il-vettura ghal xhur shah hija accettazjoni tacita tal-ftehim hemm imsemmi u ma jistax issa jinheba wara l-iskuza illi Joseph Vella ma kienx awtorizzat jorbot lill-kumpanija, meta kien is-Sur Mizzi stess li baghat lis-Sur Vella bi struzzjonijiet cari illi jiehu konsenja tal-vettura

fuq ftehim illi kien ghamel l-istess Sur  Mizzi mas-socjeta' attrici.

Jekk is-Sur  Mizzi dehrlu li l-iskrittura ma tirrflettix il-ftehim, allura bhala *bonus pater familias* imissu agixxa mall-ewwel u mhux ihall z-zmien jghaddi u wara li rcieva l-kontijiet jirreklama nuqqas ta' awtorizazzjoni u li l-skrittura ma tiirflettix il-ftehim milhuq.

Bhalma diga nghad, jekk is-Sur  Mizzi dehrlu illi Joseph Vella ecceda l-mandat tieghu, allura din hija kwistjjoni nterna li trid tigi rizolta bejn is-Sur  Mizzi u l-kumpanija tieghu u s-Sur Vella u m'ghandhiex taffettwa d-drittijiet guridici naxxenti mill-iskrittura illi ghandha s-socjeta' attrici.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici ghandha ragun u dahlet f'kuntratt ta' kiri mal-konvenut personalment, illi ghandu jwiegeb ghat-talba taghha.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt illi tillibera lis-socjeta' Mizzi Finance Limited mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lil Desmond Mizzi personalment illi jhallas s-somma ta' tlett elef, u tlettax-il lira Maltin (Lm3,013) ghall-kiri ta' vettura minghand is-socjeta' attrici skond il-kuntratt ta' kiri tat-2 ta' Gunju, 2003 u r-rizultanti fatturi ta' l-1 ta' Lulju, 2003, 6 ta' Settembru, 2003, 7 ta' Ottubru 2003 u 10 ta' Ottubru, 2003.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-Avviz kontra l-konvenut Desmond Mizzi."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Desmond Mizzi li talab ir-revoka taghha.  Koncizament, l-aggravji tieghu huma f' din id-direzzjoni:-

(1) L-iskrittura relattiva ghal kiri tal-vettura ma kienetx torbot lilu. Dan ghal motiv illi la kienet iffirmata minnu u lanqas minn persuna awtorizzata minnu.  Dippju,

il-persuna li ffirmat ma kellhiex ir-rapprezentanza tal-kumpanija Millenia Limited u huwa qatt ma rratifika l-agir taghha;

(2) L-ewwel Qorti zbaljat fl-interpretazzjoni taghha tal-preskrizzjoni eccepita;

(3) Fil-mertu, l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza b' mod korrett il-provi u l-fatti tal-kaz, senjatament illi n-negozju kien ma' Millenia Limited u mhux mieghu personalment;

Huwa ferm evidenti minn natura u l-kontenut ta' dawn l-aggravji illi dak li jitqies primarju li jigi investigat hi x-xorta ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet in kwantu minnha jrid imbaghad jirrizulta jekk l-appellanti kellux jitqies bhala l-legittimu kontradittur di fronte ghas-socjeta` attrici;

L-ewwelnett, b' relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralita` ta' atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni ta' effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar. Tali att jew atti huma, imbaghad, ravvizabbli minn manifestazzjoni ta' volonta`, ossija ta' dik l-imgieba li in bazi ghac-cirkustanzi li fih tavvera fit-traffiku gruidiku tnissel fid-destinatarju t-tifsira li l-parti trid tipproduci l-konsegwenzi guridici predetti;

Fil-kaz in ezami, avolja l-appellanti jsostni xort' ohra, din il-Qorti, fuq il-valutazzjoni taghha tal-provi u dak tal-kriterju tal-kredibilita` u tal-verosimiljanza, tinklina hi wkoll, bhall-ewwel Qorti qabilha, versu l-versjoni tas-socjeta` attrici illi nholqot relazzjoni guridika bil-fatt illi saru diskussjonijiet u ntlahaq qbil dwar il-kiri tal-vettura, u mhux sempliciment li din giet hekk prestata gratuwitament, jew "*on sufferance*" skond ix-xhud Joseph Tabone, sakemm dik l-ohra tas-socjeta` Millenia Ltd. issirilha l-konversjoni necessarja mill-istess socjeta` attrici. F' dan l-istess kuntest il-Qorti hi wkoll konvinta illi l-inseriment intermedjarju ta' Joseph Vella, li ffirma l-iskrittura ta' ftehim, sehh fuq inkarigu ta' l-

appellanti. Tibqa' l-kwestjoni jekk minn naha tieghu l-appellanti kienx qed jinnegozja u jikkuntratta f' ismu personali jew in veste ta' rapprezentant tas-socjeta` Millenia Limited;

Indubbjament, ir-rapprezentanza tikkonsisti f' dik is-setgha in virtu ta' liema wiehed hu legittimat li jagixxi fl-isem u fl-interess ta' haddiehor, b' mod li l-att negozjali tieghu jkollu effett immedjat fil-konfront ta' dan haddiehor u jaqa' fi jew fuq il-patrimonju tieghu. Essenzjalment, allura, tali att jassumi karattru vinkolanti tar-rapport guridiku instawrat fl-interess tat-terz. Dan johrog car ukoll mill-istitut tal-Mandat taht il-Kodici Civili. Hi pero` wkoll disposizzjoni esplicita ta' dan l-istess istitut illi "meta l-mandatarju jkun agixxa fl-isem tieghu nnifsu, il-mandant m' ghandux azzjoni kontra dawk li maghhom il-mandatarju jkun ikkuntratta, u lanqas dawn ma ghandhom azzjoni kontra l-mandant" [subincis (1) ta' l-Artikolu 1871]. Jissokta jigi pprecizat izda, skond is-subinciz (2) illi "f' dan il-kaz il-mandatarju hu obbligat direttament lejn il-persuna li maghha kkuntratta daqs li kieku l-affari kienet tieghu nnifsu". Ara **Kollez. Vol. XXIII P I p 173** u **Vol. XL P I p 280** ghall-interpretazzjoni fuq din id-disposizzjoni;

Skond orjentament gurisprudenzjali konsolidat jemergu dawn il-linji gwida:-

(i) "Normalment bniedem jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qed jikkontratta ghal haddiehor jew, jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qed jikkontratta ghal haddiehor" – "**Philip Galea Souchet -vs- Michael Falla**", Appell Kummercjali, 4 ta' Mejju 1973;

(ii) "L-appellanti kellhom jipprovaw mhux biss li n-negozju sar ghas-socjeta` gestita minnhom imma wkoll illi fil-mument meta sar tali negozju s-socjeta` attrici kienet konsapevoli tal-fatt illi min pogga l-ordni maghha u min maghha kien ikkonkluda n-negozju kien qieghed f' dak il-mument jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta` gestita mill-

konvenut. Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f' dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b' mod car u univoku illi f' dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f' ismu imma f' isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta` attrici f' dak il-mument ghax altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita` ghan-negozju minnu kkontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta". – "**John Vella *nomine* -vs- Anthony Vella et**", Appell, 3 ta' Dicembru 1999;

(iii) "Meta wiehed jikkuntratta f' ismu personali ma jistax sussegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f' isem haddiehor jew f' isem xi entita guridika separata" – "**Jospeh Chetcuti *nomine* -vs- Peter Paul Camilleri**", Appell Kummercjali, 4 ta' Dicembru 1988 u "**Anthony Caruana *et* -vs- John Magro *et***", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;

Huwa fl-isfond ta' dawn l-enuncjazzjonijiet guridici li l-Qorti jkollha tagixxi anke f' dan il-kaz, ben attiz illi kif ukoll gie rilevat "il-prova mehtiega biex tigi newtralizzata din il-presunzjoni *iuris tantum* tvarja sewwa minn kaz ghall-iehor. Jispetta lil gudikant li jizen ic-cirkustanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappreżentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji." ("**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999);

Mill-ottika tad-dimensjoni tal-ftehim raggunt jakkwistaw rilevanza sostanzjali dawn il-provi. Il-konvenut appellant jiddikjara li meta kien qieghed jiddiskuti mas-socjeta` attrici kien qed jaghmel hekk ghan-nom ta' Millenia Limited. (Ara deposizzjoni tieghu a fol. 52). L-istess rapprezentanti tas-socjeta` attrici jikkonfessaw illi "meta gie ghandna s-Sur Mizzi naf li kien qed jitkellem ghan-nom ta' Millenia Ltd" (ara xhieda tal-General Manager Noel Gauci a fol. 28) u "m'hijiex policy tal-kumpanija taghna illi kull darba li naghmlu ftehim ta' kiri nesigu l-

firma tad-Direttur. Jekk kumpanija nkunu nafuha u nafu illi min gie ghall-vettura jahdem mal-kumpanija, allura f' dan il-kaz ahna nirrilaxxjaw il-vettura" (ara xhieda tad-direttur Mario Gauci a fol. 40). Dejjem dan l-ahhar imsemmi xhud jistqarr li hu jaf lill-kumpanija Millenia Limited illi jirrapprezenta Desmond Mizzi ghaliex din "hija klijenta taghna" (Affidavat a fol. 19);

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti huwa lampantement bil-wisq ovvju minn dawn id-dikjarazzjonijiet tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici illi din kienet ben konsapevoli mill-fatt illi t-trattattivi u l-kontrattazzjoni li saru ma' Desmond Mizzi kienu fl-interess tas-socjeta` Millenia Limited. Dan jidher li hu hekk rikonoxxut mill-ewwel Qorti fejn osservat illi Joseph Vella li ffirma l-ftehim ta' kiri (fol. 3) kien awtorizzat li jorbot lill-kumpanija. Ciononostante, l-istess Qorti donnha rragunat imbaghad li s-soluzzjoni tal-kwestjoni kienet tiddependi mill-interpretazzjoni u l-portata esklusiva ta' dak l-istess ftehim. Dan ghal motiv illi fil-fehma ta' dik il-Qorti l-iskrittura kienet tghid car u tond illi kienet qed issir kirja tal-vettura lill-konvenut Desmond Mizzi;

Issa apparti l-fatt li dik l-iskrittura giet redatta minn Maria Gauci, direttrici ohra tas-socjeta` attrici, li lanqas biss kienet prezenti ghall-konkluzjoni tal-ftehim, hu apparenti minnha illi s-socjeta` Millenia hi raffigurata bhala "*designated driver*". Fil-hsieb tal-Qorti ma jidherx li isem din is-socjeta` gie hekk indikat limitatament ghall-iskop ta' dik in-nomenklatura imma ghaliex effettivament il-kirja kienet qed tigi kkuntrattata minn Desmond Mizzi f' isem u in rapprezentanza ta' din l-istess socjeta`. Dan kif suffragat u sostenut mix-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici, kompartecipi fil-ftehim. Ankorke kellha, pero`, din il-Qorti tikkoncedi *gratia argomenti*, illi l-prova li taghmel l-iskrittura mill-mod kif redatta kienet wahda qawwija jibqa' l-fatt illi ntweriet ukoll b' mod inekwivokabbli prova aktar solida minnha u li tistabilixxi l-kontra ta' dak li minnha jirrizulta;

Fil-kumpless allura, minn dan kollu dedott din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni illi, ukoll, f' dan il-kaz "hemm elementi probatorji sufficjenti biex jista' jigi konkjuz illi s-socjeta` attrici, li maghha sar il-ftehim, kienet ragonevolment taf li l-konvenut ma kienx qieghed jikkontratta personalment" ("**Mario Tonna *et nomine* -vs- Francis Formosa**", Appell Kummercjali, 29 ta' Gunju 1979);

Raggunta din il-konkluzjoni l-Qorti ma tarax in-necessita` li tintrattjeni ruhha fuq l-aggravji l-ohra sollevati mill-appellanti.

Ghal motivi premessi din il-Qorti qed takkolji l-appell u thassar is-sentenza appellata. Konsegwentement tirrespingi t-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront ta' l-appellanti u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mis-socjeta` attrici appellata. Tibqa' rizervata favur is-socjeta` attrici kull dritt ta' azzjoni fil-konfront tal-kumpanija Millenia Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------